VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19834, 19 ta' Lulju, 2017
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXII tal-2017

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għall-aspetti ta' governanza, għanijiet ta' politika fuq livell għoli u arranġament istituzzjonali għal amministrazzjoni prudenti tad-dejn tal-Gvern, tal-pożizzjoni ta' flus kontanti, u ta' fondi ta' likwidità u riserva u sabiex jipprovdi dwar materji li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom.

ACT No. XXII of 2017

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the governance aspects, high level policy objectives and institutional arrangement for prudent management of the Government's debt, cash position, and liquidity and reserve funds and to provide for matters connected therewith or ancillary thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **DOLORES CRISTINA**
Aġent President

19 ta' Lulju, 2017

ATT Nru XXII tal-2017

ATT biex jipprovdi għall-aspetti ta' governanza, għanijiet ta' politika fuq livell għoli u arranġament istituzzjonali għal amministrazzjoni prudenti tad-dejn tal-Gvern, tal-pożizzjoni ta' flus kontanti, u ta' fondi ta' likwidità u riserva u sabiex jipprovdi dwar materji li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Taqsima I

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2017 dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"*Accountant General*" tfisser l-*Accountant General* tal-Gvern ta' Malta;

Kap. 330.

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

"bdil ta' self" tfisser il-bdil ta' titolu ma' titolu ieħor f'kull ħin;

"*bill* tat-Teżor" tfisser titolu ta' dejn għal żmien qasir li jkollu maturità sa mhux aktar minn sena jew anqas u li tipikament jinħareġ bi skont mill-valur nominali tiegħu;

"ċirkolari tal-offerta" tfisser ċirkolari li tinħareġ mid-Dipartiment tat-Teżor biex tħabbar il-ħruġ tat-titolu ta' dejn b'maturità ta' aktar minn sena li fost l-oħrajn tispeċifika s-somma ta' flus li għandha tinġabar, il-mod jew modi li bihom jinħarġu dawn it-titoli; ir-rata tal-imgħax (il-kupun) li jitħallas fuq dawn it-titoli; id-data jew id-dati meta l-imgħax fuq it-titolu jkun dovut, id-data ta' meta l-ħlas hu dovut fis-suq primarju, id-data tal-fidi tat-titoli ta' dejn u l-liġi applikabbli;

"ċirkostanzi eċċezzjonali" għandha l-istess tifsira bħal dik tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali;

"dejn pubbliku" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 106 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Dejn tal-Gvern Ċentrali" tirreferi għad-dejn tal-Gvern Ċentrali iżda teskludi *Extra Budgetary Units*;

Kap. 345.

"Depożitarju Ċentrali tat-Titoli" għandha l-istess tifsira bħal ma għandha fl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;

"detentur", fir-rigward tat-titoli ta' dejn, tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li f'isimha jew isimhom jiġu mdaħħla jew reġistrati t-titoli ta' dejn fir-reġistru. Fir-rigward ta' strumenti ta' dejn, tfisser kull persuna fiżika li f'isimha jew isimhom jiġu mdaħħla jew reġistrati l-istrumenti ta' dejn fir-reġistru;

"Direttorat" tfisser id-Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn l-Pubbliku imwaqqaf bl-artikolu 64;

"entità pubblika" tirreferi għal kull Fondazzjoni tal-Gvern, Entità Statutorja u organizzazzjoni oħra li l-Gvern ikun sid fiha b'51

VERŻJONI ELETTRONIKA

fil-mija jew aktar jew li fuqha l-Gvern ikollu kontroll effettiv jew fejn 51 fil-mija tad-dħul jew aktar li din tagħmel ikun ġej minn fondi pubbliċi jew minn fondi li din tirċievi bis-saħħa ta' kull liġi;

"finanzjament minn qabel" tfisser il-proċedura li biha l-Gvern ta' Malta joħroġ it-tieni *stock* biex iħallas għall-ewwel *stock* fid-data ta' maturità;

"Fond ta' Ammortizzament" tfisser fond ta' ammortizzament imwaqqaf skont l-artikolu 58;

"Fond Konsolidat" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 102 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta sakemm mhux speċifikat xort'oħra;

"ħlas bil-quddiem" tfisser il-fidwa ta' self qabel iż-żmien li jinkludi ħlas lura ta' self; xiri lura jew bdil ta' titoli tal-Gvern ta' Malta mis-suq;

"irkant" tfisser stedina pubblika biex isiru offerti magħluqin jew permezz ta' sottomissjonijiet elettroniċi għall-i*stock* jew titoli maħruġa mill-Gvern ta' Malta, b'dak il-mod li l-Ministru jista' jordna;

"Kont tal-Gvern Ġenerali" tinkludi l-kontijiet kollha miżmuma f'isem il-Gvern ta' Malta iżda jeskludi l-kontijiet dipartimentali li jinżammu mill-Bank Ċentrali ta' Malta;

"Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat Konsultattiv għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku mwaqqaf bl-artikolu 68;

"Kumitat ta' Riżoluzzjoni" tfisser il-Kumitat stabbilit fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta permezz tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u li hu responsabbli għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment; Kap. 330.

"linja ta' kreditu" tfisser ftehim magħmul bil-quddiem ma' istituzzjoni ta' kreditu biex meta hekk jintalab, jislef lill-Gvern ta' Malta sa dak l-ammont li jkun ġie stabbilit u kif soġġett għat-termini u kundizzjonijiet miftiehma;

"Malta" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"pubblikazzjoni" tfisser li l-*Accountant General* jista' jagħmel użu minn kull mezz disponibbli biex jinforma lis-suq inkluż imma mhux limitat għas-sit elettroniku tad-Dipartiment tat-Teżor, il-Gazzetta u l-Borża;

"Reġistratur" tfisser id-dipartiment tat-Teżor jew ir-Reġistratur nominat mid-Dipartiment tat-Teżor;

"Reġistru" tfisser ir-Reġistru tad-Dipartiment tat-Teżor ta' detenturi ta' *stock*, titoli ta' dejn tal-Gvern u strumenti ta' dejn li jinżammu kif hemm fl-artikolu 31;

"self" tfisser il-ġbir tal-flus: bil-ħruġ u bejgħ ta' "*stock* reġistrat" jew ta' "*stock*" jew ta' titoli ta' dejn oħra li jkollhom maturità ta' aktar minn sena maħruġa mill-Gvern ta' Malta; bil-ħruġ ta' strumenti ta' dejn; u permezz ta' ftehim bilaterali bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' xi pajjiż ieħor, ma' istituzzjonijiet multilaterali jew minn xi bank lokali jew ma' xi organizzazzjoni internazzjonali u barranija, fond jew istituzzjoni oħra;

"*stock* reġistrat" jew "*stock*" tfisser *stock* tal-Gvern ta' Malta li jkollu maturità ta' aktar minn sena maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u li jkollu valur nominali reġistrat f'isem id-detentur kif jidher fir-reġistru;

"strument ta' dejn" tfisser strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli inkluż *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta maħruġa taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor tal-Parlament li jkun jiddefinixxi jew jirreġistra d-dejn tal-Gvern ta' Malta lil min jislef.

"talbiet", dwar titoli tal-Gvern u strumenti ta' dejn, jinkludu kemm il-ħlas lura tal-kapital kif ukoll l-imgħax, jekk ikun hemm, fuq it-titoli jew strumenti ta' dejn;

"titoli ta' dejn" tfisser titoli ta' dejn tal-Gvern negozzjabbli li jinkludu *bills* tat-Teżor, *stocks*, *stocks* reġistrati u titoli ta' dejn negozjabbli oħra maħruġa taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor tal-Parlament li jkun jiddefinixxi jew jirreġistra d-dejn tal-Gvern ta' Malta lil min jislef;

"xiri lura" tfisser ix-xiri ta' titoli ta' dejn tal-Gvern ta' Malta mill-Gvern ta' Malta mis-suq; u

"żbilanċ" tfisser eċċess tan-nefqa tal-Gvern fuq id-dħul.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Taqsima II

Skop

L-għan tal-Att.

3. L-iskop tal-Att ikopri l-aspetti ta' governanza, ifassal politika fuq livell għoli u l-arranġament istituzzjonali għal amministrazzjoni prudenti tad-dejn tal-Gvern u kif ukoll jara li jkollu likwidità adegwata u riservi sabiex l-ispejjeż u l-pagamenti kollha tal-Gvern jitħallsu fil-ħin.

Taqsima III

Operazzjonijiet tal-Amministrazzjoni tad-Dejn tal-Gvern

Self awtorizzat.

4. Il-Gvern jista' jissellef flus, kemm f'Malta kemm minn barra minn Malta f'kull munita u b'dak il-mod provdut minn jew taħt:

(a) dan l-Att; u

(b) kull Att ieħor tal-Parlament li jawtorizza espressament is-self ta' flus għal kull skop imsemmi fl-Att u sa dak l-ammont jew ammonti li jistgħu jiġu awtorizzati b'dak l-Att.

Il-Ministru vestit bl-awtorità li jissellef.

5. L-awtorità biex issir self ta' flus għal jew għan-nom tal-Gvern għandu jkun biss vestit fil-Ministru li jista' jagħmel kull ftehim ta' self, ftehim ta' linja ta' kreditu, li joħroġ it-titoli jew li joħloq kull strument ta' dejn ieħor, kemm bil-munita lokali kemm b'kull munita barranija.

It-termini u l-kundizzjonijiet tas-self.

6. Bil-għan li jiġbor il-fondi il-Ministru huwa b'dan awtorizzat li jissellef b'dawk it-termini u kundizzjonijiet hekk kif l-imsemmi Ministru jista' japprova.

Għanijiet tal-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku.

7. L-għanijiet primarji tal-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku għandhom ikunu:

(a) li jiġi żgurat li jintlaħqu fil-ħin il-bżonnijiet finanzjarji tal-Gvern inkluż l-obbligi ta' ħlas marbuta mad-dejn pubbliku;

(b) il-fondi għandhom jinġabru b'mod prudenti u effettiv bl-anqas spiża possibbli fuq terminu ta' żmien medju u fit-tul u konformi ma' livell ta' riskju aċċettabbli; u

(ċ) li jingħata s-sostenn neċessarju għall-iżvilupp tas-suq finanzjarju domestiku.

Għanijiet tas-self.

8. Il-Ministru jista' jissellef fondi kemm f'Malta kemm barra

VERŻJONI ELETTRONIKA

minn Malta kif hemm fl-artikolu 18, għal dawn l-għanijiet biss, kif ġej:

(a) biex jiffinanzja l-iżbilanċ;

(b) biex iżomm livell adegwat ta' likwidità fil-Kont bankarju tal-Gvern Ġenerali skont l-artikolu 55;

(ċ) biex ikun hemm fondi ta' ammortizzament li jkopru s-self tar-Repubblika ta' Malta kif hemm fl-artikolu 58 u jiġu akkwistati titoli li jkunu diġà maħruġa fis-suq u titoli maħruġa taħt dan l-Att kif hemm fl-artikolu 58;

(d) biex jiffinanzja self mill-Gvern li jkun soġġett għall-att speċifiku li jawtorizza self bħal dak skont l-artikolu 53;

(e) biex jiġbor somma flus li ma teċċedix 2% tal-ammont massimu li jista' jiġi msellef f'dik is-sena biex jiġu finanzjati operazzjonijiet ta' self ta' fondi f'ammonti żgħar għall-benefiċċju tal-ekonomija u s-soċjetà Maltija;

(f) biex jissodisfa l-obbligi f'każ li xi garanzija tal-Gvern tiġi msejħa;

(g) biex jagħmel fidwa bil-quddiem ta' dejn tal-Gvern ċentrali;

(h) biex jiffinanzja bil-quddiem ħtiġiet futuri ta' self;

(i) biex jipproteġi direttament l-ekonomija ta' Malta;

(j) biex jagħmel tajjeb għal kull katastrofi finanzjarja jew naturali jew ambjentali jew għal kull emerġenza nazzjonali oħra kif jiġi approvat mill-Parlament;

(k) biex jiġi riffinanzjat dejn pendenti li jkun irid jiġi mifdi matul dik is-sena;

(l) biex jintlaħqu l-ħtiġiet tal-likwidità monetarja marbuta mad-dħul u l-ħruġ tal-flus bħala parti mill-amministrazzjoni tal-likwidità (*cash management*);

(m) biex jagħmel bidliet fil-portafoll kif u meta dan ikun meħtieġ li jsir b'konformità mal-politika tal-amministrazzjoni tad-dejn tal-Gvern; u

(n) sabiex jiffinanzja kull spiża oħra ħekk kif il-Ministru jista' jawtorizza minn żmien għal żmien.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-ġbir ta' flus permezz ta' self. L.S. 330.09 Kap. 330.

9. (1) Il-Ministru jista', skont ir-Regolamenti dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni magħmula skont l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta:

(a) wara li tkun saret rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti f'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, jiġbor somma ta' flus permezz ta' self għall-għan sabiex jipprovdi miżuri prekawzjonarji ta' rikapitalizzazzjoni favur l-istituzzjonijiet ta' kreditu bil-għan li jippreserva l-istabbiltà finanzjarja; jew

(b) wara li tkun saret azzjoni ta' riżoluzzjoni meħuda mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, jiġbor somma ta' flus bil-għan li jipprovdi miżuri għal garanzija ta' kontinġenza pubblika; jew

(ċ) b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, jiġbor flus permezz ta' self bil-għan li jipprovdi sostenn finanzjarju pubbliku straordinarju permezz tal-għodod ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-Ministru qiegħed hawn jiġi awtorizzat jissellef somom ta' flus b'dawk il-termini u soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet kif il-Ministru msemmi jista' japprova skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għal dak l-ammont li ma jaqbiżx dak l-ammont li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien tawtorizza permezz ta' riżoluzzjoni.

Ġbir u self ta' flus skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Self mal-Bord Uniku tar-Riżoluzzjoni.

10. (1) Il-Ministru jista' jirrappreżenta lir-Repubblika ta' Malta fis-sħubija ta' Malta fil-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Self mal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(2) Il-Ministru jista', skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Self bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fis-subartikolu (1), jiġbor somma ta' flus bħala self għall-għan li tingħata lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni faċilità ta' self mingħajr garanzija ta' mhux aktar minn sitta u sittin miljun euro (€66,000,000).

(3) Għall-finijiet tas-subartikoli (1) u (2), il-Ministru responsabbli għall-finanzi qiegħed hawn jiġi awtorizzat jissellef somom ta' flus b'dawk it-termini u soġġett għal dawk il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kundizzjonijiet kif il-Ministru msemmi jista' japprova skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għal dak l-ammont li fit-total ma jaqbiżx l-ammont ta' sitta u sittin miljun euro (€66,000,000).

Limiti fuq id-dejn u s-self.

Kap. 534.

11. Sabiex jiġi assigurat li l-livell ta' dejn ikun wieħed sostenibbli, il-piż tad-dejn f'kull sena għandu jkun soġġett għal limitu kif speċifikat bir-regola fiskali fl-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali.

Eċċezzjonijiet.

12. Il-ħtieġa msemmija fl-artikolu 11 tista' biss ma tintlaħaqx bħala riżultat ta' ċirkostanzi eċċezzjonali.

Limiti fuq is-self u l-finanzjament bil-quddiem.

13. (1) Is-self gross tal-Gvern matul xi sena għandu jkun soġġett għal limiti imposti permezz tal-artikolu 11 u mill-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi relevanti għal dik is-sena speċifika.

(2) Bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Ministru u għall-kondizzjonijiet tas-suq, is-self gross matul xi sena jista' jeċċedi l-limitu speċifikat fl-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi b'mhux aktar minn għaxra fil-mija, għall-iskopijiet ta' operazzjonijiet tal-amministrazzjoni tad-dejn u bil-għan li titnaqqas l-ispiża tas-self u li jiġi evitat il-finanzjament taħt l-inċertezza tas-suq u biex jitnaqqas ir-riskju tal-portafoll tad-dejn.

(3) Jekk l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi għal xi sena fiskali rilevanti jonqos milli jiġi promulgat, il-Gvern jista' fil-frattemp jissellef biex ikun jista' jifdi kull dejn pendenti li jimmatura għal dik is-sena relevanti u biex jagħmel ħlasijiet ta' mgħax u kull spejjeż oħra li jkollhom marbuta ma' dak id-dejn.

(4) L-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern ċentrali pendenti miżmum separatament fil-forma ta' *bills* tat-Teżor, self bilaterali u strumenti ta' dejn huwa soġġett għal strument statutorju li jrid jiġi intavolat fil-Parlament u jiġi approvat b'riżoluzzjoni parlamentari.

Il-flus miġbura għandhom jitqiegħdu fil-Fond Konsolidat.

14. Il-flejjes kollha li jiġu hekk miġbura bis-self għandhom jitqiegħdu fil-Fond Konsolidat.

Ħlasijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dejn pubbliku jiġu addebitati lid-dħul.

15. (1) Sakemm xi imgħax għandu jitħallas skont dan l-Att fir-rigward ta' titoli u strumenti ta' dejn, il-Ministru għandu, fil-ġurnata meta l-imgħax fuq it-titoli u l-istrumenti ta' dejn ikun dovut, japproprja mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta somma biżżejjed sabiex l-interessi kollha dovuti jitħallsu f'dik id-data u għandu jawtorizza lill-*Accountant General* li jħallas dak l-imgħax mis-somma hekk approprjata.

(2) Fir-rigward ta' kull dejn pubbliku li jsir jew jinħareġ, kif speċifikat taħt l-artikolu 14, kull ħlas li jkollu x'jaqsam ma' dak id-

VERŻJONI ELETTRONIKA

dejn fir-rigward ta' mgħax, fond ta' ammortizzament, flejjes ta' fidi, u ta' kull ħlas ieħor inċidentali għall-amministrazzjoni ta' dak id-dejn għandu jitħallas mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta u jkun addebitat lill-Fond Konsolidat u minn fondi pubbliċi oħra tal-Gvern ta' Malta mingħajr ħtieġa ta' approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att.

Il-Ministru għandu jipprepara strateġija tal-amministrazzjoni ta' dejn ta' terminu ta' żmien medju.

16. (1) Għal kull sena finanzjarja, il-Ministru għandu jipprepara strateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu ta' żmien medju (*Medium-Term Debt Management Strategy*), li għandha tkun tistipula l-prijoritajiet strateġiċi tal-Gvern, li tkun tiggwida l-politika tal-Gvern ta' self u l-operazzjonijiet tal-amministrazzjoni tad-dejn, u li tara kif tikseb l-għanijiet stabbiliti fl-artikolu 7, billi tiġi stmata l-ispiża u riskji marbuta mal-portafoll ta' dejn.

(2) L-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu ta' żmien medju għandha tiġi ppreparata kull sena għal minimu ta' tliet snin sussegwenti u għandha tkopri l-amministrazzjoni tad-dejn tal-Gvern flimkien mad-deskrizzjoni ta' kull suppożizzjoni sottostanti. L-istrateġija għandha tkun turi l-pjanijiet tal-amministrazzjoni tad-dejn tal-Gvern għas-sena tal-estimi li jmiss u għas-sentejn li jiġu minnufih wara.

(3) L-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu ta' żmien medju għandha tiġi rakkomandata mill-Kumitat u approvata mill-Ministru qabel ma din tiġi intavolata fil-Kamra tad-Deputati.

(4) Għal kull sena, l-istrateġija tal-Amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu ta' żmien medju għandha tiġi approvata mill-Ministru mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara l-approvazzjoni tal-istrateġija tal-politika fiskali ta' terminu medju tal-Gvern.

Strateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu medju.

17. L-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu ta' żmien medju għandha tqis:

(a) il-ħtiġijiet tas-self tal-Gvern għall-futur; u

(b) il-kondizzjonijiet kurrenti u l-prospetti tal-kondizzjonijiet makroekonomiċi u dawk tas-suq ta' terminu ta' żmien medju; u

(ċ) impatti makroekonomiċi u oħrajn li l-ekonomija tkun esposta għalihom; u

(d) kull fattur ieħor li jista' jkun relatat mal-iżvilupp tas-suq u mal-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku.

Pjan ta' self annwali.

18. (1) Għal kull sena fiskali, il-Gvern għandu jipprepara

VERŻJONI ELETTRONIKA

pjan ta' self annwali kif approvat mill-Ministru, li jkun ikopri l-ħtiġiet proġettati tas-self tal-Gvern.

(2) Il-pjan annwali ta' self għandu jkun ibbażat fuq l-istrateġija stabbilita għall-amministrazzjoni tad-dejn ta' terminu ta' żmien medju, it-tbassir ta' dħul u ħruġ tal-flus (*cash flow forecast*) annwali tal-Gvern u l-prospetti tas-suq.

(3) Il-pjan annwali tas-self għandu jiġi ppubblikat u jkun fih is-self gross totali tal-Gvern għal terminu twil flimkien ma' kalendarju indikattiv għal kull tliet xhur għall-ħruġ fis-suq domestiku ta' titoli tal-Gvern li jkollhom maturità ta' aktar minn sena.

(4) Għal kull sena, l-ewwel pjan ta' self annwali għandu jiġi ppubblikat sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar tas-sena finanzjarja rilevanti.

(5) Għal kull sena, għandu jiġi approvat u ppubblikat pjan ta' self annwali aġġornat mhux aktar tard minn ġimagħtejn mill-approvazzjoni tal-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn tal-Gvern għal terminu ta' żmien medju għas-sena finanzjarja rilevanti.

(6) Il-pjan ta' self annwali jista' jiġi aġġornat mill-inqas darba fis-sena bl-approvazzjoni tal-Ministru.

Ftehim ta' self.

19. Il-Gvern jista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull Att ieħor, jissellef flus permezz ta' self jew ta' ftehim ta' linja ta' kreditu li jista' jsir ma' gvern ta' kull pajjiż ieħor, ma' istituzzjonijiet jew fondi multilaterali, jew ma' banek lokali, banek barranin jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Ftehim ta' self ma' gvernijiet oħra u istituzzjonijiet multilaterali.

20. Kull ftehim ta' self li jsir bejn il-Gvern u gvernijiet barranin oħra u istituzzjonijiet jew fondi multilaterali għandu jkun konformi ma' kull trattat internazzjonali eżistenti li l-Gvern ikollu.

Il-Ministru għandu jieħu parir.

21. Il-Ministru, filwaqt li japprova t-termini u l-kundizzjonijiet ta' kull ftehim ta' self u linja ta' kreditu, għandu jieħu parir dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji u legali biex itaffi kull riskju finanzjarju u legali li jista' joħroġ fil-futur minn dak l-obbligu.

Delega ta' awtorità.

22. L-implimentazzjoni sabiex il-Gvern jidħol fi ftehim ta' self bilaterali jista' jiġi delegat mill-Ministru lill-*Accountant General* li tinkludi s-setgħa li jsir dak is-self, li jiġu negozjati u stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dak is-self u li jiġi ffirmat il-ftehim ta' self f'isem u akkont tal-Gvern.

Ħruġ ta' titoli u strumenti ta' dejn.

23. (1) Ħlief kif inhu espressament awtorizzat mill-artikolu 4 u minn kull Att ieħor, il-Ministru m'għandu jissellef għal ebda skop

VERŻJONI ELETTRONIKA

ieħor.

(2) Meta l-Ministru jkun awtorizzat joħroġ titoli ta' dejn taħt dan l-Att, dawk it-titoli jistgħu jinħarġu kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-swieq internazzjonali hekk kif dak il-Ministru jista' jordna.

(3) Meta l-Ministru jkun awtorizzat joħroġ strumenti ta' dejn taħt dan l-Att, dawk l-istrumenti ta' dejn jistgħu jinħarġu fis-suq domestiku hekk kif dak il-Ministru jista' jordna.

Mod kif jinħarġu t-titoli u strumenti ta' dejn.

24. (1) Il-ħruġ ta' titoli u strumenti oħra ta' dejn għandhom isiru mid-Dipartiment tat-Teżor, b'kull metodu approvat mill-Ministru, inklużi l-irkant, allokazzjoni privata (*private placement*), sindikazzjoni, ħruġ ta' bejgħ bl-offerta, offerta ta' bejgħ ta' titoli bi prezz fiss jew kull metodu ieħor li jitqies li jkun xieraq.

(2) Id-Dipartiment tat-Teżor jista' joħroġ it-titoli jew strumenti ta' dejn sew direttament jew billi jaħtar xi istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar, kif jitqies li jkun adatt, biex jiġġestixxu l-bejgħ tat-titoli u strumenti oħra ta' dejn f'isem il-Gvern.

(3) B'konformità mas-subartikolu (2) dwar il-ħatra ta' xi istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar għall-allokazzjoni ta' titoli u, jew biex jinnegozjaw it-titoli fis-suq (*market makers*), id-Dipartiment tat-Teżor jista' jagħmel kull kuntratt jew ftehim li jkollu x'jaqsam ma' dawk it-termini u kondizzjonijiet li jista' jqis adatt.

Pubblikazzjoni ta' ċirkolari tal-offerta u l-Prospetti.

25. (1) Bl-eċċezzjoni tal-*bills* tat-Teżor, kull ħruġ ta' titoli taħt dan l-Att, qabel ma jinħareġ dak it-titolu, malli tinkiseb l-approvazzjoni tal-Ministru, id-Dipartiment tat-Teżor għandu jispeċifika l-ammont tal-ħruġ u t-termini u l-kundizzjonijiet rilevanti u jara li tiġi pubblikata ċ-ċirkolari dwar il-ħruġ. It-termini u l-kundizzjonijiet taċ-ċirkolari tal-offerta għandhom japplikaw flimkien mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-Prospett Ġenerali tat-Titoli tal-Gvern.

(2) Għandu jkun hemm Prospett Ġenerali tal-*Bills* tat-Teżor u l-ħruġ tagħhom għandu jkun irregolat skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dak il-prospett.

(3) Il-ħruġ ta' strumenti oħra ta' dejn għandu jkun irregolat skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-prospett rilevanti. Qabel ma jinħareġ l-istrument ta' dejn ieħor, malli tinkiseb l-approvazzjoni tal-Ministru, id-Dipartiment tat-Teżor għandu jippubblika l-prospett li jispeċifika l-ammont tal-ħruġ u termini u l-kondizzjonijiet tal-offerta.

Bejgħ ta' titoli.

26. (1) Il-bejgħ tat-titoli, bl-eċċezzjoni ta' *bills* tat-Teżor, għandu jsir fuq il-bażi ta' kalendarju ta' ħruġ indikattiv kull tliet xhur

VERŻJONI ELETTRONIKA

approvat mill-Ministru, li jkun jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-ħruġ u jikkostitwixxi parti integrali mill-pjan annwali ta' self stabbilit fl-artikolu 18 li jista' jiġi rivedut matul is-sena.

(2) L-*Accountant General* għandu minnufih wara l-approvazzjoni jippubblika l-kalendarju ta' ħruġ indikattiv ta' kull tliet xhur.

Setgħa tad-Dipartiment tat-Teżor li jilqa' jew jiċħad l-offerti.

27. Id-Dipartiment tat-Teżor ikollu s-setgħa, f'isem u akkont tal-Gvern, li jilqa' jew jirrifjuta l-offerti inklużi offerti mhux kompetittivi relatati ma' kull ħruġ fis-suq lokali jew offerti li jkunu ġew ippreżentati, inkluż li jiġi stabbilit il-prezz aħħari (*cut-off*) fl-irkant.

Possibilità ta' ħruġ ta' titoli mhux b'irkant.

28. Id-Dipartiment tat-Teżor ikollu s-setgħa, f'isem u akkont tal-Gvern, joħroġ titoli b'mod ieħor milli b'irkant, fuq il-bażi ta' termini u l-kundizzjonijiet kif speċifikati f'kull Att ieħor.

Proċedura għall-ħruġ mhux b'irkant.

29. (1) Meta t-titoli jinħarġu b'mod ieħor milli b'irkant, il-Ministru għandu japprova t-termini u l-kondizzjonijiet tal-ħruġ, inkluż l-prospett/memoranda tal-investiment.

(2) Meta t-titoli jinħargu b'mod ieħor milli b'irkant u l-ħruġ tagħhom ikun ġie inkluż fil-programm annwali ta' finanzjament, approvat mill-Ministru kif hemm fl-artikolu 18, id-Dipartiment tat-Teżor ikollu s-setgħa joħroġ u jiffirma kull ftehim li jirregola l-bejgħ ta' dawk it-titoli, għan-nom ta' u akkont tal-Gvern.

It-termini u l-kundizzjonijiet tat-titoli.

30. It-termini u l-kundizzjonijiet ta' titoli maħruġa jistgħu jkunu jinkludu wkoll klawsoli ta' azzjoni kollettiva, konformi mal-konvenzjonijiet prevalenti tas-suq kapitali internazzjonali jew ta' kull trattat miftiehem mill-Gvern, li jiġi regolat minn obbligazzjonijiet li jiġu inklużi fil-prospett ta' ħruġ ta' titoli speċifiċi.

Reġistrazzjoni.

31. (1) Kull ħruġ ta' titoli jew strumenti oħra ta' dejn taħt dan l-Att għandu jiġi reġistrat u jinżamm b'mod elettroniku u f'forma mhux ċertifikata permezz ta' iskrizzjoni adatta fir-reġistru tad-Dipartiment tat-Teżor, jew tar-Reġistratur nominat tiegħu, billi jitniżżel fih l-isem u l-indirizz tad-detenturi, l-ammont, ir-rata ta' mgħax tal-kupun li jitħallas, it-trasferimenti kollha u n-negozju kollu f'dak il-ħruġ ta' titoli maħruġa, u dawk id-dettalji l-oħra li jistgħu, minn żmien għal żmien, jitqiesu li jkunu meħtieġa mid-Dipartiment tat-Teżor jew hekk kif jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ir-Reġistru ta' titoli jinsab preżentement għand u jiġi miżmum mid-Depożitarju Ċentrali tat-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta. Il-Ministru jista', madankollu, b'regolament taħt dan l-Att, jinnomina lil kull Depożitarju Ċentrali tat-Titoli elettroniku rikonoxxut biex jipprovdi s-servizzi u l-funzjonijiet ta' Reġistratur skont is-subartikolu (1).

Amministrazzjoni tal-portafoll u operazzjonijiet oħra.

32. (1) Il-Gvern jista' jieħu sehem f'operazzjonijiet ta' amministrazzjoni tal-portafoll inkluż kull xiri lura (*buybacks*), konverżjonijiet, ħlasijiet minn qabel u l-operazzjonijiet ta' finanzjament bil-quddiem (*pre-financing*). Il-Gvern jista' jipparteċipa f'*repos* u *reverse repos* bażati fuq ftehim ta' *Master Repo* ma' istituzzjonijiet finanzjarji bħala parti mill-operazzjonijiet ta' amministrazzjoni tal-likwidità (*cash management operations*). Il-Gvern jista' aktar minn hekk jieħu sehem f'xi faċilità ta' self (*securities lending facility*) ta' titoli biex isostni l-iżvilupp tas-suq tad-dejn u forom oħra ta' self kollateralizzat.

(2) Il-Ministru jkollu s-setgħa li jawtorizza kull operazzjoni li għandha x'taqsam mal-amministrazzjoni tal-portafoll u operazzjonijiet oħra kif imsemmija fis-subartikolu (1), li jistgħu jiġu delegati lid-Dipartiment tat-Teżor sabiex isiru operazzjonijiet speċjalizzati marbuta mal-amministrazzjoni tad-dejn.

Setgħa tal-Ministru li jeżerċita ċerti poteri.

33. Il-Ministru jkollu s-setgħa u l-awtorità li jeżerċita, minn żmien għal żmien, dawn il-poteri li ġejjin jew xi wħud minnhom kif jista' jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni soda u effiċjenti tad-dejn pubbliku:

(a) biex jawtorizza l-fidwa qabel iż-żmien tal-ammont kollu jew parti minnu, minn titoli maħruġa sew qabel sew wara l-bidu tas-seħħ ta' dan l-Att, bla ħsara għal kull dispożizzjoni kuntrarja fil-prospett rispettiv;

(b) biex jawtorizza l-konverżjoni ta' kull titolu eżistenti bit-termini u l-kundizzjonijiet ta' kull titolu ieħor maħruġ bħala riżultat tal-konverżjoni;

(ċ) biex jawtorizza kull arranġament għall-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet fir-rigward ta' xiri lura jew skambju ta' titoli eżistenti.

Setgħat oħra tal-Ministru.

34. (1) Is-setgħat mogħtija lill-Ministru bl-artikolu 33 għandhom ikunu jinkludi s-setgħa li d-Dipartiment tat-Teżor jiġi awtorizzat jagħmel dawk l-arranġamenti hekk kif jista' jkun meħtieġ biex jinħoloq u jinħareġ taħt dan l-Att dak l-ammont ta' titoli biex ikun jista' jitwettaq xi arranġament bis-saħħa tal-artikolu 33(a), (b) u (ċ).

(2) Fl-eżerċizzju tal-poteri tiegħu taħt l-artikolu 33, il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ministru għandu jikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

(3) Kull arranġament awtorizzat mill-Ministru taħt l-artikolu 33 jista' jsir fuq bażi volontarja ta' detenturi ta' titoli eżistenti. L-*Accountant General* għandu jippubblika, minnufih wara l-approvazzjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet ta' kull offerta u l-arranġamenti awtorizzati taħt is-subartikolu (1).

Tpartit u transazzjonijiet ta' *hedging*.

35. (1) Il-Ministru jkollu s-setgħa u l-awtorità f'isem il-Gvern li jieħu sehem fi tpartit (*swaps*) u fi transazzjonijiet oħra ta' *hedging* sakemm dawk it-transazzjonijiet ikunu jsostnu l-għanijiet tal-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn biex jitnaqqsu r-riskji marbuta mal-munita u, jew mar-rata ta' mgħax:

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu l-Ministru għandu jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

(2) Id-Dipartiment tat-Teżor għandu jimplimenta dawk it-transazzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-artikolu u jissorvelja r-riskji u jagħti rendikont tagħhom.

Rappurtar.

36. (1) Id-Dipartiment tat-Teżor, fi tmiem is-sena finanzjarja, għandu jipprepara u jippreżenta lill-Ministru rapport annwali dwar l-amministrazzjoni tad-dejn tal-Gvern ċentrali. Il-Ministru għandu jara li dak ir-rapport jiġi ppubblikat u intavolat fil-Kamra tad-Deputati.

(2) Ir-rapport annwali għandu jinkludi, fost l-oħrajn, dan li ġej:

(a) analiżi tal-iżvilupp fis-swieq kapitali kemm domestiċi u kif ukoll internazzjonali;

(b) informazzjoni dwar l-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn għall-perjodu li dwaru qiegħed jiġi rrappurtat, b'rapport fuq il-prestazzjoni mqabbla mal-miri dikjarati;

(ċ) statistika fuq il-portafoll ta' dejn pubbliku u l-movimenti fid-dejn matul is-sena fiskali inkluż il-bidliet fl-indikaturi ta' riskji marbuta mad-dejn;

(d) espożizzjonijiet fuq it-transazzjonijiet individwali ta' *hedging* b'implikazzjonijiet għar-riskju fuq ir-rata tal-kambju u taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

(e) l-ammont fil-fondi ta' ammortizzament u l-bilanċ ta' fondi mislufa u moviment f'dawn il-bilanċi matul is-sena

VERŻJONI ELETTRONIKA

fiskali; u

(f) żviluppi fil-valutazzjoni tal-livell ta' kredibiltà tar-Repubblika ta' Malta.

Intavolar tar-rapport annwali.

37. Ir-Rapport Annwali għandu jiġi intavolat fil-Kamra tad-Deputati qabel l-aħħar ta' Marzu tas-sena li taħbat minnufih wara.

Obbligu li jinżammu reġistrazzjonijiet komprensivi u eżatti.

38. Id-Dipartiment tat-Teżor għandu jżomm informazzjoni dokumentata, komprensiva u preċiża tad-dejn kollu tal-Gvern ċentrali, f'*database* adatta.

Dispożizzjonijiet transitorji. Tħassir u Riżerva. Kap. 133. Kap. 161. Kap. 213. Kap. 229.

39. (1) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, l-Att dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta, l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) u l-Atti dwar Self għall-Iżvilupp, u kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħt dawk l-Atti u l-Ordinanza, għandhom jiġu mħassra.

(b) Kull referenza li ssir fl-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, għall-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għal dan l-Att.

(2) Il-poteri, drittijiet u obbligazzjonijiet tal-Gvern fir-rigward ta' self u titoli ta' dejn maħruġa taħt l-Atti u l-Ordinanza li huma msemmija fis-subartikolu (1)(a), liema liġijiet u regolamenti qed jiġu mħassra, għandhom jibqgħu japplikaw u kull ftehim li sar fuq self u titoli maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu jseħħu.

Taqsima IV

Garanziji tal-Gvern

Awtorità li tinħareġ garanzija.

40. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, il-Gvern permezz tal-Ministru jista' jipprovdi garanziji finanzjarji fuq self lil terzi f'Malta għall-benefiċċju tal-ekonomija ta' Malta.

(2) Dawk il-garanziji msemmija fis-subartikolu (1) jistgħu jingħataw fir-rigward ta' kull obbligu ta' dejn tal-benefiċjarju.

(3) Il-Ministru jista' jawtorizza l-ħruġ ta' garanzija għall-ħlas lura tal-kapital, u l-ħlas tal-imgħax u spejjeż oħra fuqhom, fil-każ li l-benefiċjarju tal-garanzija jonqos milli jħallas id-dejn awtorizzat.

Garanziji ristretti għal terzi li jkunu jinsabu f'Malta.

41. Ebda garanzija fuq self m'għandha tingħata lil terzi li jkunu jinsabu barra minn Malta:

(a) sakemm ma jkunx hemm xi liġi eżistenti bħala parti

VERŻJONI ELETTRONIKA

minn trattat internazzjonali; jew

(b) il-Ministru fuq il-parir tad-Dipartiment tat-Teżor japprova t-termini u kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-garanzija.

Firma fuq il-garanzija.

42. Kull garanzija fuq self mogħtija taħt l-artikolu 40 tista' tkun iffirmata mill-Ministru jew minn xi persuna awtorizzata bil-miktub mill-Ministru.

Limitu fuq il-garanzija. Kap. 534.

43. (1) Il-Ministru għandu jiġġestixxi l-garanziji finanzjarji tal-Gvern kif hemm fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali.

(2) Il-limiti fuq il-ħruġ ta' garanziji fuq self mill-Gvern għandhom ikunu bbażati fuq l-istqarrija ta' politika fiskali ta' terminu medju għas-sena tal-estimi li jmiss u għal sentejn oħra li jiġu minnufih wara marbuta mat-tbassir tad-dħul u konsistenti mar-regoli fiskali.

(3) Il-limitu fuq il-garanziji tal-Gvern għas-sena tal-estimi li jkun imiss minnufih wara għandu jkun inkluż fl-Att biex Jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi.

Ħlas mill-Fond Konsolidat.

44. (1) L-ammonti kollha meħtieġa għall-ħlas tas-somom bis-saħħa ta' xi garanzija fuq self mogħtija taħt dan l-Att u għall-ħlas ta' kull imgħax u ħlasijiet oħra fuq dawk is-somom għandhom jiġu addebitati lil u jitħallsu mill-Fond Konsolidat.

(2) Meta l-Ministru jkun sodisfatt li kien hemm xi nuqqas fil-ħlas ta' xi ammont garantit taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru għandu jordna l-ħlas ta' dak l-ammont mill-Fond Konsolidat.

(3) Kull passiv magħmul bħala dejn tal-Gvern ċentrali u fl-għamla ta' obbligazzjonijiet taħt garanziji fuq self awtorizzati taħt dan l-Att għandu jikklassifika pari passu.

(4) Il-flus kollha mħallsa mill-Gvern taħt garanzija ta' self mogħtija taħt din it-Taqsima u kull spiża relatata mal-garanzija jistgħu jitħallsu mingħajr ebda approprjazzjoni oħra ħlief għal din it-Taqsima.

Kostituzzjoni ta' debitu u rkupru ta' flus mħallsa taħt garanzija.

45. (1) Il-flus imħallsa kif hemm fl-artikolu 44(4) għandhom jitqiesu bħala dejn dovut lill-Gvern mill-benefiċjarju tal-garanzija.

(2) Id-dejn imsemmi fis-subartikolu (1) jista' jiġi mħallas matul kull perjodu ta' żmien u b'kull terminu u kondizzjoni li l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ministru jidhrulu xierqa; jew inkella jista' jitnaqqas mill-Ministru hekk kif dikjarat f'xi approprjazzjoni, permezz jew taħt l-awtorità ta' Att tal-Parlament.

(3) Din it-Taqsima ma tnaqqas jew taffettwa l-ebda dritt ieħor li l-Gvern jista' jkollu bħala garanti.

Evalwazzjoni tat-talbiet għall-garanziji.

46. Id-Dipartiment tat-Teżor għandu jevalwa t-talbiet għall-garanziji fuq self għall-kunsiderazzjoni tal-Ministru, li magħhom għandu jkun hemm dikjarazzjoni li tagħti -

(a) id-dettalji tal-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tar-riskju marbuta mal-ħruġ tal-garanzija u l-kwalità u l-livell ta' riskju involut; u

(b) evalwazzjoni tar-riskju finanzjarju għall-Gvern marbut mal-ammont totali ta' garanziji fuq self pendenti.

Dritt.

47. (1) Meta self ikun garantit taħt dan l-Att, min jissellef għandu, kemm-il darba l-Ministru ma jiddeċidix mod ieħor, iħallas lill-Gvern dritt li jkun jirrifletti r-riskju tal-kreditu b'dik ir-rata u b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt f'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

(2) Dak id-dritt għall-garanzija li jinġabar kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jitħallas fil-Fond Konsolidat.

Rappurtar fuq il-garanziji.

Kap. 534.

48. (1) Il-Ministru għandu, waqt li jkun qed jippreżenta l-baġit annwali, jippubblika l-elenku tal-garanziji pendenti kif hemm provdut fl-artikolu 3(a)(ii) tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali.

(2) Fit-tmiem ta' kull sena fiskali d-Dipartiment tat-Teżor għandu jirrapporta fuq il-limiti tal-garanziji maħruġa fuq self mill-Gvern permezz tal-Ministeru tal-Finanzi kif hemm fl-artikolu 15(5)(e) tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali għas-sena tal-estimi li jmiss u s-snin l-oħra li jiġu wara.

Kap. 534.

Evalwazzjoni mill-ġdid tar-riskju tal-finanzjament.

49. Id-Dipartiment tat-Teżor, minn żmien għal żmien u mill-inqas darba fis-sena, għandu jagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tar-riskju finanzjarju fuq numru ta' garanziji pendenti li jkunu ta' ammonti 'l fuq minn limitu li għandu jiġi stabbilit mill-Ministru. Il-Ministru għandu jkun infurmat bil-miktub bir-riżultati tal-evalwazzjoni li jkunu saru mill-ġdid.

Reġistrazzjoni-jiet.

50. Id-Dipartiment tat-Teżor għandu jżomm elenku komprensiv u eżatt tal-garanziji tal-Gvern kollha pendenti, f'*database* adatt.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-rapport għandu jingħata lill-Ministru.

51. Kull benefiċjarju li jibbenefika minn garanzija fuq self għandu, minkejja kull ħaġa kuntrarja f'xi liġi oħra jew dokument ieħor, jgħaddi lill-Ministru, fl-aħħar jum ta' kull xahar jew qabel, rapport dwar l-istat ta' kull dejn li jkollu u ta' kull passiv ieħor sew garantit sew mhux, kif ikun fl-aħħar tax-xahar li jaħbat minnufih qabel.

Talba għal informazzjoni.

52. Għall-fini ta' monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni tar-riskju tal-garanziji, id-Dipartiment tat-Teżor ikun jista' jitlob u jirċievi mingħand il-benefiċjarji tal-garanziji tal-Gvern u istituzzjonijiet ta' kreditu kull informazzjoni analitika li jkollha x'taqsam mal-garanziji.

Taqsima V

Operazzjonijiet ta' Self mill-Gvern, Amministrazzjoni tal-Likwidità (*cash management*) u Riżervi

Self mill-Gvern.

53. Minbarra l-ammont ta' self awtorizzat taħt l-artikolu 8(e), il-Gvern m'għandu jislef ebda flejjes lil xi organizzazzjoni jew entità pubblika, kemm jekk f'Malta jew xi mkien ieħor, jew lill-gvern ta' xi pajjiż ieħor sakemm ma jiġix espressament awtorizzat jagħmel dan b'riżoluzzjoni jew b'Att tal-Parlament.

Awtorità għal self ta' flus.

54. L-awtorità biex jiġu mislufa flus għal jew f'isem il-Gvern għandha tkun vestita biss fil-Ministru billi dan jagħmel kull ftehim meħtieġ ta' self jew ftehim bejn il-krediturі, sew fil-munita lokali u kull munita barranija, u bbażat fuq it-termini u l-kundizzjonijiet approvati permezz ta' xi Att tal-Parlament ieħor.

Ammont ta' riserva għal-likwidità.

55. (1) Għal kull sena fiskali, id-Dipartiment tat-Teżor għandu jipprepara proposta dwar l-ammont meħtieġ ta' riserva għal-likwidità tal-Gvern kif jista' jiġi awtorizzat taħt artikolu 8 (b) billi jiġu stabbiliti livelli minimi u massimi ta' likwidità fil-Kont tal-Gvern Ġenerali biex tkun tista' tiġi amministrata l-likwidità tal-Gvern, filwaqt li jittieħed kont:

(a) tal-kundizzjonijiet attwali, il-volatilità tas-suq u l-likwidità;

(b) tal-faċilitajiet ta' kreditu kurrenti tal-Gvern;

(ċ) tat-tbassir tad-dħul u l-ħruġ tal-flus kontati tal-Gvern fil-ħin u l-ammont ta' riservi tal-likwidità; u

(d) ta' fatturi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' kif jiġi stabbilit l-ammont ta' riserva għal-likwidità.

(2) Il-proposta msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

aġġornata mill-inqas kull tliet xhur u għandha tiġi approvata mill-Ministru.

Deċiżjoni fuq l-ammont ta' riserva għal-likwidità.

56. L-ewwel deċiżjoni fir-rigward tal-ammont indikattiv ta' riserva għall-amministrazzjoni tal-likwidità għandha tittieħed fi żmien tliet xhur minn meta dan l-Att jidħol fis-seħħ.

Responsabbiltà biex jinżamm l-ammont ta' riserva għal-likwidità.

57. Id-Dipartiment tat-Teżor ikun responsabbli biex iżomm l-ammont ta' riserva għal-likwidità billi jissellef il-fondi meħtieġa fil-ħin.

Fondi ta' ammortizzament.

58. (1) Il-Ministru jista' jiddeċiedi li jwaqqaf fond ta' ammortizzament għall-ħlas lura ta' xi self tal-Gvern u bil-għan li jixtri lura titoli ta' dejn tal-Gvern li jkun ġie maħruġ.

(2) Fil-każ li l-Ministru jiddeċiedi li jwaqqaf fond ta' amortizzament għall-ħlas lura ta' xi self tal-Gvern, għandhom jibdew il-kontribuzzjonijiet annwali għal dan il-fond skont it-termini ppubblikati fiċ-ċirkolari tal-offerta, jew xi ftehim ieħor li jirregola dak is-self. Il-Ministru għandu japproprja mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta somma stabbilita skont ir-rata speċifikata f'dawk it-termini jew ftehim bħala l-kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament imwaqqaf għall-iskop ta' fidwa ta' dak is-self u wara dan għandu jagħmel approprjazzjoni bħalha sa meta jsir il-ħlas lura tas-self.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jawtorizza l-approprjazzjoni, mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta, kontribuzzjoni għal fond ta' ammortizzament stabbilit speċifikament għax-xiri mill-ġdid ta' kull self li jkun diġà ġie maħruġ.

Investiment tal-fond ta' ammortizzament.

59. (1) Il-flejjes kollha approprjati skont l-artikolu 58 (2) bħala kontribuzzjonijiet għall-fond ta' ammortizzament imwaqqaf għal xi self għandhom jitqiegħdu b'imgħax jew jiġu investiti fi *stock* jew titoli ta' dejn jew f'xi investiment ieħor jew klassijiet ta' investimenti oħra, inklużi *stocks* jew titoli maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, hekk kif il-Ministru jista' jordna minn żmien għal żmien.

(2) L-imgħaxijiet, id-dividendi, il-bonus u profitt ieħor ġej mill-investiment ta' xi parti ta' xi fond ta' ammortizzament għandhom jitqiegħdu b'imgħax jew jiġu investiti kif ordnat mill-Ministru sabiex jiffurmaw parti minn dak il-fond ta' ammortizzament bl-istess mod bħal flejjes approprjati taħt l-artikolu 58(2) bħala kontribuzzjonijiet għall-fond ta' ammortizzament.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Regolamenti tal-fond ta' ammortizzament speċjali.

60. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dwar kif jista' jopera l-fond ta' ammortizzament speċjali.

(2) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jawtorizza bidliet fir-regolamenti msemmija fis-subartikolu (1).

Tmiem ta' kontribuzzjonijiet għall-fond ta' ammortizzament.

61. Minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att, jekk f'xi żmien l-*Accountant General* ikun sodisfatt illi l-fond ta' ammortizzament ta' xi self miġbur taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikun biżżejjed b'kumuli oħra ta' mgħax, iżda mingħajr ħlasijiet oħra ta' kontribuzzjonijiet, biex ikun possibbli li s-self jiġi mifdi fiż-żmien stabbilit għall-fidwa tiegħu, l-*Accountant General* ikun f'dak il-każ awtorizzat jissospendi kontribuzzjonijiet ulterjuri għal ġo dak il-fond ta' ammortizzament:

Iżda, b'danakollu, il-kontribuzzjonijiet għal dak il-fond ta' ammortizzament għandhom jerġgħu jinbdew jekk l-*Accountant General* f'xi ħin ma jibqax sodisfatt li l-fond ta' ammortizzament b'kumuli oħra ta' mgħax ikun biżżejjed għall-fidwa ta' dak is-self.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-fond ta' ammortizzament.

62. Għandhom jitħallsu mill-fond ta' ammortizzament l-ispejjeż kollha magħmula speċifikament fi, jew inċidentalment għal, l-investiment u l-amministrazzjoni ta' dak il-fond u l-ħlas lura tas-self li għalih dak il-fond kien imwaqqaf.

Nuqqas fil-fond ta' ammortizzament ikun addebitat lid-dħul.

63. Meta ma jkun imwaqqaf ebda fond ta' ammortizzament jew fil-każ li l-fond ta' ammortizzament imwaqqaf għal xi self taħt dan l-Att jirriżulta li, fiż-żmien stabbilit għall-ħlas lura ta' dak is-self, ma jkunx biżżejjed għal dik il-fidwa, is-self għandu jitħallas lura u n-nuqqas għandu jagħmel tajjeb għalih id-dħul ġenerali u l-attiv tal-Gvern mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief dan l-Att.

Taqsima VI

Id-Direttorat responsabbli għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku

Twaqqif ta' Direttorat responsabbli għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku

64. Għandu jkun hemm direttorat li jkun magħruf bħala d-Direttorat responsabbli għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "id-Direttorat"), biex iwettaq il-funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni tad-dejn tal-Gvern ċentrali u s-self ta' flus kif jista' jkun hemm taħt l-artikolu 4 u kif miftiehem jew maħruġ skont l-artikoli 19 u 24 ta' dan l-Att jew ordnijiet oħra li jistgħu jingħataw mill-Ministru taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Tmexxija tad-Direttorat.

65. (1) Id-Direttorat għandu jitwaqqaf fi ħdan id-Dipartiment tat-Teżor taħt ir-responsabilità tal-Ministru għall-finanzi.

(2) Id-Direttorat għandu jkun taħt it-tmexxija ta' uffiċjal

VERŻJONI ELETTRONIKA

pubbliku li jkun magħruf bħala d-Direttur għall-Amministrazzjoni tad-Dejn, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "id-Direttur", u li jinħatar mill-Prim Ministru.

Funzjonijiet tad-Direttorat.

66. Il-funzjonijiet dettaljati tad-Direttorat għandhom joħorġu minn regolamenti li jagħtu effett aħjar lid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64.

Dmirijiet u funzjonijiet tad-Direttur.

67. (1) Id-Direttur għandu jmexxi u jamministra d-Direttorat sabiex iwettaq l-għanijiet ewlenin tiegħu u jkun responsabbli għall-amministrazzjoni u l-operazzjonijiet ta’ kuljum tad-Direttorat. Id-Direttur jaqa’ taħt u jirrapporta lill-*Accountant General* u għandu jwettaq dawk id-dmirijiet l-oħra kollha fir-rigward tal-Direttorat li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu assenjati lilu mis-Segretarju Permanenti responsabbli lejn il-Ministru.

(2) Ir-rappreżentanza tad-Direttorat fi proċedimenti legali u ġudizzjarji għandha tkun vestita fid-Direttur.

Kumitat Konsultattiv għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku.

68. (1) Għandu jitwaqqaf Kumitat, maħtur mill-Ministru, li jkun magħruf bħala l-Kumitat Konsultattiv għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (f’dan l-Att imsejjaħ "il-Kumitat"), biex jassisti u jagħti pariri lill-Ministru dwar materji li għandhom x’jaqsmu mal-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku, mas-self ta’ flus għall-Gvern ċentrali u ma’ kull ħaġ’oħra li tista’ tiġi lilu riferita għal dak l-iskop mill-*Accountant General*.

(2) Il-funzjonijiet tal-Kumitat li għandhom x’jaqsmu mal-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku għandhom ikunu:

(a) l-għoti ta’ pariri lill-Ministru li għandhom x’jaqsmu ma’ kwistjonijiet ta’ politika dwar għażliet strateġiċi fl-amministrazzjoni tad-dejn u l-amministrazzjoni tar-riskji;

(b) is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-amministrazzjoni tad-dejn annwali u l-pjan ta’ self approvat mill-Gvern għas-sena finanzjarja kurrenti;

(ċ) l-għoti ta’ pariri dwar programm ta’ ħruġ indikattiv għat-titoli tal-Gvern; u

(d) l-għoti ta’ gwida ġenerali għall-programm ta’ self tal-Gvern.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Taqsima VII

Preskrizzjoni u Ħelsien mir-responsabbiltà

Tmiem ta' responsabbiltà għal ħlas ta' imgħax.

69. (1) Meta xi ammont ikollu jitħallas f'xi data bħala imgħax dovut fuq xi titoli jew strumenti ta' dejn, ebda mgħax fuq dak l-ammont ma għandu, wara dik id-data, jitħallas jew ikollu jitħallas mill-Gvern lil xi persuna f'ebda ċirkostanza.

(2) Ħadd ma jkollu dritt jitlob imgħax fuq it-titoli jew strumenti ta' dejn tal-Gvern maħruġa taħt dan l-Att dwar xi żmien li jkun skada wara d-data l-aktar kmieni li fiha talba setgħet saret legalment għall-ħlas tal-kapital dovut fuq dawk it-titoli jew strumenti ta' dejn.

Preskrizzjoni.

70. It-talbiet dwar titoli u strumenti ta' dejn tal-Gvern maħruġa taħt dan l-Att jiġu preskritti kemm-il darba ma jiġux ippreżentati fi żmien sitt snin mid-data ta' meta jimmatura t-titolu jew l-istrument ta' dejn rispettiv.

Taqsima VIII

Ġenerali

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

71. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn qabel, jista' jagħmel regolamenti dwar:

(a) l-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku;

(b) kodiċi ta' kondotta (li jkun jinkludi linji gwida dwar il-kunflitt ta' interess) għal persuni mpjegati fl-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku;

(ċ) il-mod kif, u t-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom, jistgħu jinġabru u jitħallsu lura l-flejjes, inkluż il-ħlas ta' imgħax;

(d) proċeduri ta' self;

(e) il-ħruġ ta' garanziji fuq self, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw il-garanziji;

(f) il-ħruġ, l-amministrazzjoni, ir-reġistrazzjoni, it-trasferiment, il-fidi u l-ħlas ta' mgħax fuq titoli u strumenti ta' dejn ieħor tal-Gvern mhux ċertifikati u ż-żamma tagħhom;

(g) drittijiet ta' terzi fi jew fuq it-titoli u strumenti ta' dejn tal-Gvern;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(h) iż-żamma u l-amministrazzjoni tar-Reġistru u ta' kull reġistru ieħor li jenħtieġ li jinżammu u jiġu kkonservati kif hawn provdut f'dan l-Att; u

(i) kull ħaġ'oħra li tiġi preskritta u meħtieġa b'dan l-Att.

Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika. Kap. 174.

72. L-artikolu 21 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika huwa b'dan imħassar, mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa magħmula jew li naqset milli ssir taħtu.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 19 tat-18 ta' Lulju, 2017.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati